

31994R2248

L 242/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.9.1994

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) nru 2248/94
tas-16 ta' Settembru 1994**

**li jintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Komunità għall-importazzjoni ta' ċerti ħbula ħoxnin ta' l-azzar
li joriġinaw fpajjiżi mhux membri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 518/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għall-oġġetti importati u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 288/82 ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għall-oġġetti importati minn ċerti pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 ⁽²⁾, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1921/94 ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Saru konsultazzjonijiet ġewwa l-Kumitat stabbiliti taht it-tali Regolamenti,

Billi l-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka turi li l-importazzjonji lejn il-Komunità ta' wire tas-swiegel, ħbula, ħbula ħoxnin, ċineg tat-trizza, taljola u dik ix-xorta, tal-ħadid jew ta' l-azzar, mhux iżolati mill-elettriku, li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 7312 10 91, 7312 10 95 u 7312 10 99 li joriġinaw fpajjiżi mhux membri ilhom jiżdiedu mill-1991 f'kondizzjonijiet li x'aktarx jheddu l-produtturi tal-Komunità ta' dawn il-prodotti; billi l-figuri disponibbli għall-1993 jidhru li jikkonfermaw din ix-xejra l-fuq; billi l-prezzijiet ta' dawn l-oġġetti importati jnaqqsu sostanzjalment il-prezz li jiġihom il-produtturi tal-Komunità;

Billi l-pożizzjoni tal-produtturi tal-Komunità ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament ilha sejra lura mill-1991, kif juru dawn l-indikaturi ekonomiċi li ġejjin:

- il-produzzjoni, li kienet ta' 215 395 tunnelli metriċi fl-1991, waqgħet għal 193 846 tunnelli metriċi fl-1992, 173 715 tunnelli metriċi fl-1993 u, skond l-aħħar stimi, hija mistennija li tinżel għal 159 900 tunnelli metriċi fl-1994,
- l-użu tal-kapaċità industrijali tal-Komunità nżlet b'madwar 30 % fil-perjodu mill-1991 sal-1994,

- in-numru ta' dawk impjegati direttament fil-industrija waqa' bi 28 % fil-perjodu mill-1990 sal-1993, waqa' b'9 % fil-perjodu mill-1992 sal-1993 biss, minn 4 662 għal 4 235;

Billi dawn iċ-ċirkostanzi jeħtieġu miżuri biex jiksbu malajr kemm jista' jkun informazzjoni preċiża u aġġornata fuq ix-xejra fl-oġġetti importati fil-Komunità tal-prodotti in kwistjoni u, għalhekk, għall-introduzzjoni tas-sorveljanza retrospettiva tal-Komunità tat-tali oġġetti importati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Importazzjoni lejn il-Komunità ta' wire tas-swiegel, ħbula, ħbula ħoxnin, ċineg tat-trizza, taljola u oġġetti simili, tal-ħadid jew ta' l-azzar, mhux iżolati mill-elettriku, li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 7312 10 91, 7312 10 95 u 7312 10 99 għandhom ikunu soġġetti għas-sorveljanza retrospettiva tal-Komunità mill-1 ta' Ottubru 1994.

Artikolu 2

Għal kull xahar l-Istati Membri għandhom, sa l-għaxar ġurnata tat-tieni xahar ta' wara x-xahar in kwestjoni, javżaw il-Kummissjoni bir-riżultati tas-sorveljanza, jiddikjaraw il-kwantita' u l-valur ta' l-importi, maqsuma bil-kodiċi tan-NM u l-pajjiż ta' l-oriġini.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Settembru 1994.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 77.

⁽²⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 89.

⁽³⁾ ĠU L 198, tat-30.7.1994, p. 1.